# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 8 ta' April 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Aisha Aghil**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputata:** **Aisha Aghil ta' għoxrin (20) sena, bint Ahmed Aghil u Donna Andrews nee' Andrews, ta' nazzjonalita' Maltija, imwielda il-Pieta' nhar is-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) residenti ġewwa 153, Tal-Ħerba, Triq Carini, Santa Venera, u detentriċi tal-Karta tal-Identita' 0294203L;**

**Akkuzata talli:** *b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe':-*

*Talli, nhar l-għaxra (10) ta' Lulju ta-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u l-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00), minn ġewwa l-istabbiliment The Atrium li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*1. Ikkommettiet serq ta' prodotti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment The Atrium u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.*

*Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli nhar l-erbgħa (04) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għal ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) ġewwa l-istabbiliment Forestals li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*2. Ikkommettiet serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment Forestals u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;*

*Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli nhar l-erbgħa (04) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għal ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) ġewwa l-istabbiliment The Atrium li qiegħed sitwat ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*3. Ikkommettiet serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment The Atrium u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;*

*Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A et seq, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta'*

*l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputata (Dok AA 1), *current incident reports* (Dok AA 4, AA5 u AA6), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok AA 8) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u semgħetha tikkonferma l-ammissjoni tagħha anke wara li l-Qorti tagħtha żmien biex tikkunsidra l-pozizzjoni tagħha u terga tikkonsulta ruħha mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilha u semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tikkonferma li tramitre proċeduri oħrajn kontra terzi r-res furtiva in meritu giet ritornata jew qed tigi ritornata u li m'hemmx htiega ta' ordni ta' restituzzjoni. Il-prosekuzzjoni sostniet ukoll li ma tinsistix ghal poina karcerarja effettiva izda ghal wahda li l-perijodu ta priginerija jkun sospiz. Id-difiza ziedet ukoll li l-imputata kkoperat mal-pulizija u ammettiet fl-aktar stadju bikri.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tagħha u dawn għalhekk ġew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tagħha, l-ammissjoni bikrija tagħha, il-fedina penali tal-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **Aisha Aghil detentriċi tal-Karta tal-Identita' 0294203L** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha **għal perijodu ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal perjodu ta' sentejn (2) millum**.

Il-Qorti spjegat lill-hatja **Aisha Aghil** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċhad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**8 ta' April 2024**